MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 450/2013

Il-Pulizija

Spettur Sandro Millo

Vs

Holbe Aleaddin

Illum, 10 ta' Lulju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Aleaddin Holbie, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 35069A quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fis-16 ta' Awwissu, 2010, ghall-habta tas-6.57 ta' filghaxija, fl-Imsida:

1) Ghamel lil Naima Galea, ngurji jew theddid u dan bi ksur t' Art. 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2) Talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu mhux xieraq bih u dan bi ksur tal- Art. 35A(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) Talli kiser il-garanzija imposta fuqu permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Holbie Aleaddin et.' Datata 1 ta' April, 2009, quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli LL.D. u kif sussegwentament kkonfermat fil-Qorti ta' l-Appell permezz ta' sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Holbie Aleaddin et. Quddiem l-Onor. Imhallef M. Mallia datata 23 ta' Novembru, 2009.
4) Talli sar ricediv ai termini tal-Art. 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fil-11 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Qorti, wara illi rat l-artikoli 17, 339(1)(e), 49, 50, 31 u 387(1) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah hmistax il-gurnata detenzjoni u ordnat li s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) ndikata fil-garanzija personali mposta fis-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2009 jghaddu favur il-gvern ta' Malta. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, tvarja s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mit-tieni akkuza, thassarha, tirrevoka u tikkancellaha fejn sabet lill-akkuzat hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u fejn ikkundannatu ghal hmistax il-gurnata detenzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa illi l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza. Il-prosekuzzjoni qed tallega u ppruvat iggib provi biex juru illi saret telefonata fid-data u hin idikati fl-akkuza mill-appellant lill-parte civile fejn allegatament sar xi diskors dispregjattiv. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dan id-diskors tramite telefonata ma sarex ghaliex l-ewwel Qorti illiberat lill-appellant mit-tieni akkuza (uzu hazin ta' apparat elettroniku). Ma jirrizulta li sar xejn iktar apparti din l-allegazzjoni. Kwindi ladarba l-ewwel Qorti hasset li kellha tillibera lill-appellant minn din it-tieni akkuza ma setghetx issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u kellha tilliberah ukoll minn din l-ewwel akkuza.

Illi t-tieni aggr4avju huwa konsegwenzjali fis-sens illi ladarba l-appellant ma messux instab hati tal-ewwel akkuza allura ma setax jinstab hati tat-tielet akkuza ghaliex ma jirrizultax ksur tal-garanzija inflitta precedentement.

Illi t-tielet aggravju jirrigwards kemm l-akkuza tal-ksur tal-garanzija u kif ukoll tar-recidiva.

Illi b'kull dovut rispett l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati tal-akkuza tar-recidiva u ta' ksur tal-garanzija imposta precedentement u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-gurisprudenza nostrana tghallem li huwa palezi li sabiex il-prosekuzzjoni tipprova dawn it-tip ta' akkuzi trid tigi esebita kopja legali tas-sentenza anterjuri, kif ukoll trid tigi ppruvata l-identita' tal-akkuzat. Irid jigi enfasizzzat li l-bzonn ta' tali prova ma tista' qatt tigi mnaqqsa aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li hawnhekk qeghdin fil-kamp penali. F'dan ir-rgiward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Abela Paul* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Jason James Agius*** *moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …."*
>
> *U fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** *moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:*
>
> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta'*

> *dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.*"

Illi f'din il-kawza huwa minnu li giet ezebita kopja legali ta' sentenza izda l-appellant jissottometti li l-prosekuzzjoni naqset milli, fl-ewwel lok tezebixxi l-istess taht gurament u mhux sempliciment tghaddi kpja b'mod informali, u fit-tieni lok ma saret bl-ebda mod il-prova tal-identita'. Lanqas ma rrizulta mill-verbal datat 4 ta' Ottubru, 2011 li l-avukat difensur ezenta lill-prosekuzzjoni sabiex iggib din il-prova.

Illi fil-fattispecie tal-kaz odjern dan in-nuqqas tal-prosekuzzjoni u aktar gravi ghaliex il-fedina penali ezebita igib il-kunjom ta' Halbie mentri s-sentenza esebita hija kontra persuna bil-kunjom Holbie. Ghalhekk, aktar u aktar kien il-htiega tal-prova tal-identita' ghaliex zgur li ma jistax jinghad li din il-prova ssehh minn ezami tal-atti ezebiti.

Illi ghalhekk, l-ewwel Qorti ma setghet qatt, abbazi tal-provi relattivi ssib lill-appellant hati tar-recidiva.

Illi r-raba aggravju tirrigwarda l-piena u qed tinghata minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra. In vista' tan-natura tal-akkuzi numru wiehed, tlieta u erbgha, anke, kieku se mai u in pessima ipotesi dawn setghu jirrizultaw xorta wahda l-piena inflitta kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi. Kienet tkun diga' piena sostanzjali li tordna l-konfiska tas-somma ta' erba' mitt Ewro favur il-Gvern ta' Malta. Pero' bid-dovut rispett, il-peina ta' detenzjoni ta' hmistax il-gurnata fuq ingurji u theddid kienet wahda eccessiva.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti qieghda tillimita din is-sentenza fuq il-kwistjoni ta' nullità ta' rikors tal-appell imqajjem mill-istess Qorti permezz tal-verbal tal-hamsa (5) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) u trattat mill-partijiet fis-seduta precedenti tat-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014).

Ikkunsidrat,

Fir-rikors tal-appell tieghu fil-paragrafu dwar il-fatti, l-appellant jghid: "illi l-appellant jichad illi fil-gurnata msemmija fl-akkuza cempel jew b'xi mod ingurja jew hedded lill-parte civili." Imbaghad jghaddi ghall-aggravji.

Din il-Qorti jidhrilha illi billi l-appellant irriproduca d-dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' htija illi huwa ghamel fil-bidunett ta' dawn il-proceduri, ma jistghux jaghmlu tajjeb ghad-dikjarazzjoni tal-fatti kif dispost mill-artikolu 419(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi illi taht piena ta' nullità rikors tal-appell li barra

indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji ghandu jkun fih il-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell u t-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri. Zgur illi taht l-ebda tigbid tal-immaginazzjoni s-sentenza msemmija aktar 'il fuq ma tista' tikkwalifika bhala "fatti fil-qosor". L-appellant argumenta illi bhala fatti ftit hemm x'targumenta ghax mit-traskrizzjoni tat-tapes prodotti ma jirrizultax xi prova kontra l-appellant peress illi ismu qatt ma ssemma'. Ikkwota favur tieghu l-kawza Il-Pulizija versus Joseph Said tal-25 ta' Lulju 1994 fejn qalet illi l-fatti qosor iridu jwasslu lill-Qorti sabiex tkun tista' tifhem u ssegwi sewwa x'inhija l-kwistjoni appellata.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti tirriferi ghas-sentenza fuq imsemmija u tghid illi bil-fatti fil-qosor kif esposti f'dan l-appell zgur illi l-Qorti ma tistax issegwi sewwa x'inhija l-kwistjoni f'dan il-kaz. L-appellant iddikjara illi ma kienx hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu fil-bidunett ta' dawn il-proceduri u ghal dan zgur illi din il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tkun imfakkra fir-rikors tal-appell illi bhala fatti kellu jkun fih ferm aktar minn semplici dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija. Veru illi din il-Qorti f'diversi sentenzi iddikjarat illi m'ghadhiex issegwi dik id-dottrina stretta u rigida dwar l-interpretazzjoni tal-fuq imsemmi artikolu 419 u lesta illi taccetta certi zbalji, inkonsistenzi u nuqqas ta' osservazzjoni tal-ligi basta illi d-dritt tal-appell tal-appellant ikun salvagwardjat, imma hemm limitu sa fejn il-Qorti tista' tittollera minghajr ma jisfa fix-xejn l-artikolu 419 imsemmi ghax jekk naslu f'dan l-istat ikun ifisser illi kulhadd jista' jaghmel li jrid minghajr l-icken rigward ghal dettami tal-ligi.

Din il-Qorti ma tistax tittollera din is-sitwazzjoni u tiddikjara illi dan ir-rikors tal-appell huwa assolutament karenti mid-dikjarazzjoni tal-fatti u dana jmur nettament kontra d-dispost tal-ligi taht piena ta' nullità illi din il-Qorti ma tistax tissanzjona.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara l-appell intavola mill-appellant fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) bhala null u bla effett u konsegwentement iggib fis-sehh is-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------